MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 39/2004

Victoria Tabone għan-nom ta' ommha l-imsiefra Cristina Farrugia, u l-istess Victoria Tabone f'isimha proprju u għan-nom ta' ħutha l-imsefrin Anthony Farrugia, Michael Angelo Farrugia, u Carmel Farrugia; u Maria Axiaq, għal kull interess li jista' jkollhom .

vs

Joseph Farrugia u Elizabeth għal kull interess li jista' jkollha .

Il-Qorti ,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu l-atturi talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhomx jiġu kkundannati minn din il-Qorti sabiex jiżgombraw minn porzjon art imsejjah "Ta' Kapuccoli" fil-limiti ta' Victoria, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka ħames mija u sittin metru kwadru (560 mk) konfinanti mill-Lvant ma' beni ta' Giuseppe Mifsud jew suċ ċessuri tiegħu, mit-tramuntana ma' beni ta' Michaelangelo

Farrugia jew suċċessuri tiegħu, u majjistral ma' beni ta' Michelangelo Grech jew suċċessuri tiegħu .

Dan peress illi dik l-art hija ko-proprjeta' l-atturi u hija goduta minn l-attriċi Cristina Farrugia b'użufrutt, u intom konventui qed tokkupawha mingħajr titolu validu fil-liġi .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċċjali ta' l-14 ta' Awissu 2003 u ta' .. Settembru 2004 u bl-inġunzjoni tal-konvenuti minn issa għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi :

1. Illi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti biex tiddeċidi dina l-kawża stante li l-istess avviż lanqas ma fih dikjarazzjoni fis-sens illi t-talba tal-attriċi ma taċċedix il-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ;

2. Illi l-prokura esebita hija nulla stante li m'hijiex valida skond il-liġi ta' pajjiżna ;

3. Illi fil-mertu u mingħajr ebda preġudizzju għal premess, m'huwiex minnu illi l-konvenuti qegħdin jokkupaw xi raba li hija goduta mill-attriċi, Cristina Farrugia b'xi titolu validu fil-liġi.

Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal tagħha tat-22 ta' Marzu 2005 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti .

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din l-eċċezzjoni l-konvenuti qed jikkontendu illi din il-Qorti mhix kompetenti tieħu konjizzjoni tat-talba attriċi billi l-atturi naqsu illi fl-Avviż tagħhom jagħmlu dikjarazzjoni li l-valur lokatizzju ta' l-art in kwistjoni ma jeċċedix il-ħamest elef lira maltija

(Lm5000), li huwa l-massimu permess mill-liġi għas-smiegħ ta' kawża minn din il-Qorti .
Huwa minnu illi hija konswetudini illi f'kawżi għall-iżgumbrament bħal ma għandna fil-każ in eżami, hija konswetudini illi ssir dikjarazzjoni bħal din . Imma jista' jingħad illi sempliċement għax ma saritx din id-dikjarazzjoni, dan jirrendi l-valur tal-kawża inċert u allura tkun kompetenti l-Qorti superjuri, kif qed isostnu l-konvenuti ?

Il-liġi tagħna mkiem ma tirrikjedi tali dikjarazzjoni . Tgħid biss illi meta l-valur tal-kawża jkun inċert dan jista' jiġi stabilit billi jiġi nkarigat perit arkitett għal dan il-fini[1] . Fil-każ tagħna għandna talba għall-iżgumbrament minn biċċa raba' tal-kejl ta' ċirka 560 metri kwadri . Wieħed għandu jifhem illi dan huwa raba' agrikolu, u bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' jingħad illi raba ta' dan id-daqs jista' qatt ikollu valur lokatizzju li jisboq il-ħamest elef lira . Żgur għalhekk illi mhux il-każ li jista' jingħad illi l-valur lokatizzju ta' dan ir-raba huwa inċert, u għaldaqstant ma teżisti ebda problema sabiex din il-Qorti tkompli tisma' l-kawża .

Għal dawn il-motivi, filwaqt illi tiċħad din l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti, tiddikjara ruħha kompetenti li tkompli tisma din il-kawża u tħalliha għall-kontinwazzjoni .

L-ispejjeż jibqgħu riservati għas-sentenza finali .

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Art. 748(2) tal-kap. 12 .